



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.10.2018
COM(2018) 699 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**L-Implimentazzjoni tal-impenji tal-politika tal-UE dwar is-sigurtà alimentari u n-
nutrizzjoni:**

It-tielet rapport biennali

{SWD(2018) 440 final}

1. INTRODUZZJONI

Dan huwa t-tielet rapport li jenfasizza l-progress li l-UE u l-Istati Membri tagħha kisbu lejn l-implimentazzjoni tal-politika komuni tagħhom dwar is-sigurtà alimentari¹. Ir-rapport huwa akkumpanjat minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, li jipprovdi aktar informazzjoni dwar l-analiżi u l-istudji ta' każijiet. Matul ir-rapport, diversi eżempji jirriflettu kif l-UE u l-Istati Membri tagħha komplew żiedu l-appoġġ u wieġbu għar-rakkomandazzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Kunsill li saru fl-2016.

2. ŻVILUPPI TA' POLITIKA GLOBALI U EWROPEJ

B'821 miljun persuna li jbatu l-ġuħ madwar id-dinja, fl-2017 l-insigurtà alimentari u nutrizzjonali żdiedet għat-tieni sena, wara li kienet qed tonqos b'mod kostanti għal aktar minn għaxar snin. Il-malnutrizzjoni kronika tat-tfal qed tonqos, għalkemm wieħed minn erbat itfal taħt il-ħames snin għadhom milquta. Il-popolazzjoni globali hija mistennija li tilħaq aktar minn 9 biljuni sal-2050, li twassal għal żieda fil-kompetizzjoni għal riżorsi limitati. Dan se jiġi aggravat mill-impatti tat-tibdil fil-klima li qed iżżid il-pass, il-kunflitti u l-pressjonijiet dejjem akbar fuq l-art u r-riżorsi naturali kif ukoll fuq l-ikel, l-ilma u l-provvisti tal-enerġija. Dawn l-isfidi se jaffettwaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tas-sistema agroalimentari biex jtfasslu dieti tajbin għas-saħħa u nutrittivi għal popolazzjoni li qed tikber b'mod mgħaġġel.

L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), u b'mod partikolari l-SDG 2, ifittxu li jġeddu l-momentum u jħeġġu l-pajjiżi biex jappoġġjaw il-miri biex "jintemm il-ġuħ, tintlaħaq is-sigurtà alimentari u titjeb in-nutrizzjoni u tiġi promossa l-agrikoltura sostenibbli" sal-2030. Konsistenti mal-approċċ tal-UE ibbażat fuq id-drittijiet, inkluż id-dritt għall-ikel, li jintemm il-ġuħ u li jittejjeb l-istatus nutrittiv ta' daww l-aktar vulnerabbli huma responsabbiltajiet ewlenin fi ħdan il-Kunsens Ewropew il-ġdid għall-Iżvilupp². L-Istrateġija Globali tal-2016 għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-UE tenfasizza l-irduppar tal-isforzi tagħha dwar il-prevenzjoni tal-kunflitti u sabiex jiġu indirizzati l-kawżi bażiċi, bħalma huma l-inugwaljanza, l-enfasi fuq ir-riżorsi u t-tibdil fil-klima, fid-dawl tal-impatt tagħhom fuq id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art, l-iskarsezza tal-ilma u l-kriżijiet tal-ikel. Permezz ta' dan, l-UE u l-Istati Membri qed jappoġġjaw lill-gvernijiet jiggwidaw strateġiji ta' prevenzjoni u rispons sostenibbli li jikkontribwixxu għall-bini tar-reżiljenza.

L-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu jqiegħdu enfasi qawwija fuq it-trasformazzjoni tar-rwol tan-nisa. L-enfasi b'mod partikolari qiegħda fuq il-promozzjoni ta' approċċ trasformattiv, li jfittex mhux biss li jtejjeb l-aċċess tan-nisa għar-riżorsi, iżda wkoll biex jiggwarantixxi d-drittijiet ugwali tagħhom, b'hekk jiġi żgurat li l-interventi jkun ta' benefiċċju għan-nisa u l-irġiel u jagħtuhom il-poter.

L-UE u l-Istati Membri tagħha qegħdin jikkontribwixxu biex isaħħu persuni vulnerabbli f'pajjiżi sħab billi jippromwovu l-ħolqien ta' impjiegi aħjar u opportunitajiet li jiġġeneraw l-introjtu. Bit-tnedija tal-Pjan ta' Investiment Estern fl-2017, l-UE qed tissieħeb mal-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex jingħata bidu jew jerġa' jitravwem dinamiżmu ekonomiku f'pajjiżi sħab biex jtitjeb it-tkabbir ekonomiku ekwu fl-ekonomiji rurali. Biex tkompli tindirizza r-rabta kumplessa bejn il-faqar rurali, l-insigurtà alimentari u l-migrazzjoni, l-UE qed iżżid il-kooperazzjoni tagħha u d-djalogu fi ħdan is-Sħubija UE - Unjoni Afrikana (UA) u qed torganizza Forums tan-Negozju UE-Afrika biex jiffaċilitaw il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg għaż-żgħażaġh u n-nisa. L-aktar waħda reċenti saret f'Novembru 2017 f'Abidjan fejn saret enfasi fuq iż-żieda ta' sħubijiet pubbliċi-privati fil-qasam tan-negozju agrikolu. Tali enfasi tmur id f'id mal-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-Afrika sabiex jiġu indirizzati l-kawżi prinċipali tad-destabilizzazzjoni, l-ispostament sfurzat tal-popolazzjonijiet u l-migrazzjoni irregolari u biex ikun hemm kontribut għal ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni u sfruttament tal-opportunitajiet.

¹ Qafas ta' politika tal-UE biex jgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jindirizzaw l-isfidi fil-qasam tas-sigurtà alimentari, COM(2010)127.

² Il-Ġurnal Uffiċjali C201/1 tat-30.6.2017

It-trawwim tal-innovazzjoni u r-riċerka huwa essenzjali għat-titjib tas-sistemi agrikoli u alimentari. Waqt is-Summit Pjaneta Waħda fl-2017, l-UE u tal-Fondazzjoni Gates impenjaw EUR 270 miljun kull wieħed tul il-perjodu 2018–2020 biex jaħdmu flimkien dwar l-innovazzjoni u r-riċerka rilevanti għall-klima fl-agrikoltura f'pajjiżi terzi. L-agrikoltura għandha rwol ewlieni billi dan is-settur huwa ċentrali għall-Kontributi Determinati fil-Livell Nazżjonali (NDCs) ta' bosta pajjiżi u li l-UE u l-Istati Membri tagħha jikkontribwixxu biex jappoġġjawh permezz ta' programmi ta' kooperazzjoni dwar l-agrikoltura sostenibbli. Taħt it-tmexxija Franċiża, l-UE qed tfittex li tikkatalizza lill-Istati Membri u organizzazzjonijiet oħra għall-“mira ta' USD 1 biljun”. Barra minn hekk, is-Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE-Afrika dwar l-FNSSA bdiet issir operattiva, b'fondi allokatu taħt il-programm Orizzont 2020 u permezz ta' Skema ta' Għotjiet għar-Riċerka fl-UA.

Il-mexxejja tal-G7 jibqgħu impenjati biex jgħinu sabiex 500 miljun persuna ma jibqgħux ibatu l-ġuħ u l-malnutrizzjoni sal-2030 u, fis-Summit ta' Taormina tal-2017, iddeċidew li jżidu l-appoġġ kollettiv tagħhom għas-sigurtà alimentari u nutrizzjonali u l-agrikoltura sostenibbli fl-Afrika sub-Saħarjana permezz ta' sensiela ta' azzjonijiet, inkluż billi jżidu l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (Official Development Assistance ODA). Filwaqt li jirrikonoxxu li t-trasformazzjoni rurali huwa proċess kritiku għall-ħolqien tal-impjiegi, iż-żieda fl-introjt u l-kisba tas-sigurtà alimentari u nutrizzjonali, fl-2017 il-mexxejja tal-G20 nedew l-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġġ Rurali, li jifforma parti mill-Isħubija tal-G20.

3. IR-RAPPORTAR U L-PROGRESS

Din it-taqsimha tipprovdi stampa dwar l-iżborżi għas-sigurtà alimentari u nutrizzjonali tal-UE u l-Istati Membri tagħha u l-aħħar l-progress lejn il-kriterji ta' prestazzjoni ta' prijorità tal-politika.

Żborzi⁴

Meta mqabbel mal-ewwel u t-tieni rapport, l-għajnuna finanzjarja annwali mill-UE u l-Istati Membri tagħha lejn is-sigurtà alimentari u nutrizzjonali żdiedet għal EUR 4,200 miljun; żieda ta' 14,7 % mill-2014 u 24,8 % mill-2012. Dan jirrappreżenta madwar 6 % tat-total tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) fl-2016; madankollu, dan huwa tnaqqis żgħir minn madwar 8 % tal-ODA fl-2012 u l-2014.

Filwaqt li l-appoġġ għal inizjattivi globali u l-provvista ta' beni pubbliċi globali f'appoġġ għas-sigurtà alimentari nutrizzjonali jibqa' solidu (19 % - tnaqqis minn 25 % fl-2014), fl-2016 l-appoġġ fil-livell tal-pajjiż żdied minn 66 % għal 69 %. L-appoġġ reġjonali għas-sigurtà alimentari u nutrizzjonali żdied minn 9 % għal 12 %.

It-Tabella 1 turi li l-appoġġ lill-Afrika sub-Saħarjana żdied aktar fl-2016, li jinkludi 53 % ta' appoġġ għas-sigurtà alimentari u nutrizzjonali. Filwaqt li l-appoġġ lill-Asja naqas kemxejn fl-2016, żdied l-appoġġ lill-Amerika Latina u l-Karibew u tal-Viċinat. B'mod ġenerali, ma kien hemm l-ebda bidla kbira u d-*data* turi li minkejja l-persjonijiet esterni u rispons ta' emerġenza, l-appoġġ għas-sigurtà alimentari u nutrizzjonali jibqa' prijorità ewlenija għall-UE u l-Istati Membri tagħha.

³ <http://www.g7italy.it/en/documenti-altri>

⁴ Ta' min jinnotta li ħafna Stati Membri zborsaw fondi addizzjonali ferm oġġa mill-ammonti totali rreġistrati hawnhekk. Madankollu, għall-fini ta' dan ir-rapport, huma riflessi biss żborżi 'l fuq minn EUR 100,000. Barra minn hekk, madwar l-UE u l-Istati Membri tagħha, hemm diversi metodoloġiji għar-rappurtar. Iċ-ċifri rrapportati f'dan ir-rapport jirriflettu biss il-metodoloġija speċifika għal dan l-eżerċizzju.

⁵ Bħar-rapporti preċedenti, dan it-tielet rapport – maħruġ fl-2018 – qed jirrapporta l-aħħar ċifri uffiċjali disponibbli, li jkopru l-2016.

Tabella 1: Distribuzzjoni ġeografika ta' żborżi ta' għajnuna mill-UE u l-Istati Membri tagħha dwar is-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni fl-2012, l-2014 u l-2016

	2012	% 2012	2014	% 2014	2016	% 2016	Variation
Africa – Sub-Saharan	1,439	43%	1,663	45%	2,242	53%	74%
Global	958	28%	899	25%	800	19%	112%
Asia	593	18%	539	15%	509	12%	106%
Latin America and Caribbean	231	7%	225	6%	285	7%	79%
Neighbourhood	88	3%	231	6%	312	7%	74%
Other	56	2%	102	3%	52	1%	198%
Total	3,366	100%	3,659	100%	4,200	100%	87%

It-Tabella 2 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-iżborżi, b'enfasi fuq l-għadd ta' programmi, il-livell ta' appoġġ u l-għadd ta' pajjiżi li jkunu rċevew appoġġ. Il-prijorità ta' Politika 1 tkompli tirċievi l-maġġoranza tal-appoġġ, għalkemm dan naqas minn 60 % għal 50 %, b'żidiet fl-appoġġ tal-ħames prijoritajiet ta' politika l-oħra. B'kolloxx, l-għadd ta' programmi żdied f'dawn l-aħħar sentejn u żdied ukoll l-għadd ta' pajjiżi fejn is-sigurtà alimentari u nutrizzjonali qiegħda fil-mira fir-rigward tan-nutrizzjoni u l-interventi rilevanti għall-protezzjoni soċjali. Barra minn hekk, kien hemm attenzjoni qawwija iddedikata għall-iżgurar għas-sensittività lejn il-ġeneru u l-kontribuzzjonijiet għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Fl-2016, 57 % ta' l-għajnuna tista' titqies bħala sensitiva għall-ġeneru, 43 % tippromwovi l-adattament għat-tibdil fil-klima u 16 % tikkontribwixxi għall-isforzi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. F'termini ta' appoġġ ġenerali, madwar 12 % huwa ddedikat għar-riċerka.

Tabella 2: Il-progress skont il-kriterji ta' prestazzjoni

Performance criteria	Number of programmes			Support received			Number of Countries		
	2012	2014	2016	2012	2014	2016	2012	2014	2016
1. Improve smallholders' resilience and livelihoods	1,560	1,822	1,863	2,022	2,137	2,120	108	103	108
2. Support effective governance	410	588	632	395	535	698	84	92	87
3. Support regional agriculture and food and nutrition security	98	188	228	151	191	226			
4. Strengthen social protection mechanisms for food and nutrition security	94	102	123	209	133	254	40	40	44
5. Enhance nutrition	278	341	455	467	504	638	63	64	71
6. Enhance coordination of humanitarian and development actors to increase resilience	63	148	161	122	159	265	18	37	37
Of which...									
<i>Research programmes</i>	149	154	463 (13%)	379	300	493 (12%)			69 (61%)
<i>Gender sensitive programmes</i>			1,878 (54%)			2,404 (57%)			97 (85%)
<i>Principal objective</i>			155 (4%)			171 (4%)			51 (45%)
<i>Significant objective</i>			1,723 (50%)			2,233 (53%)			97 (85%)
<i>Climate change adaptation programmes</i>			1344 (39%)			1,826 (43%)			95 (83%)
<i>Principal objective</i>			308 (9%)			342 (8%)			67 (59%)
<i>Significant objective</i>			1,036 (30%)			1,484 (35%)			91 (80%)
<i>Climate change mitigation programmes</i>			598 (17%)			693 (16%)			89 (78%)
<i>Principal objective</i>			82 (2%)			75 (2%)			40 (35%)
<i>Significant objective</i>			516 (15%)			618 (15%)			86 (75%)
	2,503	3,343	3,462	3,366	3,659	4,200			114

Il-progress lejn il-prijoritajiet ta' politika u l-kriterji ta' prestazzjoni

Din it-taqsimha tinkludi ħarsa ġenerali lejn l-isforzi mwettqa, b'aktar dettaljati u eżempji speċifiċi pprovduti fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja.

Il-prijorità ta' Politika 1 tkompli tirċievi l-maġġoranza tal-attenzjoni, li juri li dan l-appoġġ huwa parti ċentrali tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE u l-Istati Membri tagħha. L-isforzi f'dan il-qasam jinkludu l-appoġġ għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-komunitajiet rurali, l-intensifikazzjoni sostenibbli tal-produzzjoni, il-finanzjament tal-iżvilupp agroalimentari, l-agrikoltura li tirrispetta l-klima u l-appoġġ għal biex ix-xjenza jkollha posta aktar ċentrali fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp fl-agrikoltura, b'mod partikolari, bil-ħsieb li titrawwem l-innovazzjoni għal impatt akbar. Ħafna proġetti jikkonċernaw it-trasformazzjoni rurali u l-approċċi territorjali u jikkontribwixxu biex jappoġġjaw il-ħolqien tal-impjiegi deċenti f'żoni rurali – b'mod partikolari għan-nisa u ż-żgħażaġh.

Il-prijorità ta' politika 2 turi li l-governanza effettiva għadha qasam ewlieni ta' appoġġ. Fl-2017, l-UE ssieħbet mal-FAO biex tospita avveniment u tfakkar il-ħames anniversarju tal-adozzjoni tal-Linji Gwida Volontarji dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti u jintwera l-progress fl-applikazzjoni tagħhom. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma bi ħġarhom favur inizjattivi bħal diversi komunitajiet ekonomiċi reġjonali u l-Programm Komprensiv għall-Iżvilupp tal-Agricoltura fl-Afrika (CAADP).

Taħt **il-prijorità ta' politika 3**, l-appoġġ għal inizjattivi reġjonali kien qed jiżdied b'mod gradwali matul l-aħħar snin, bħal pereżempju, permezz ta' appoġġ għal programmi reġjonali tas-sajd u aktar appoġġ biex tissaħħaħ il-kapaċità għal miżuri sanitarji u fitosanitarji reġjonali.

Filwaqt li **il-prijorità ta' politika 4** rat tnaqqis fl-iżborżi fl-aħħar rapport, dan ir-rapport huwa kapaċi juri żieda sostanzjali fl-appoġġ għal mekkaniżmi ta' protezzjoni soċjali (EUR 121 miljun aktar), kif ukoll in-numru ta' programmi u pajjiżi fejn l-isħubijiet tal-UE u/jew tal-Istati Membri qed jiffjorixxu.

Taħt **il-prijorità ta' politika 5**, permezz ta' appoġġ għat-tisħiħ ta' approċċ multi-settorjali konġunt biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' nutrizzjoni, issuktaw l-isforzi, b'mod konsistenti mill-2014, biex titrawwem kollaborazzjoni għall-promozzjoni tal-impenn u t-tmexxija fil-livell tal-pajjiżi, u biex tiġi promossa r-responsabbiltà tal-appoġġ tal-UE u l-Istati Membri fil-livell tal-pajjiż u dak globali.

Il-prijorità ta' politika 6 rċeviet attenzjoni meritata b'żieda ta' EUR 107 miljun meta mqabbel mal-2014. Ir-Rapport Globali dwar Kriżijiet tal-Ikel tal-2018 indika li kważi 124 miljun ruħ kienu f'sitwazzjoni ta' kriżi tal-ikel u wrew il-ħtieġa biex jiġu kkonfrontati l-kawżi tal-insigurtà alimentari. F'konformità mal-Istrateġija Globali tal-UE u mal-attivitajiet ta' l-Istati Membri fl-operazzjonalizzazzjoni tar-rabtiet umanitarji, ta' żvilupp u paċi, l-UE taħdem flimkien ma' sħab oħra tan-Netwerk Globali kontra Kriżijiet tal-Ikel, fuq analiżi konġunta u rispons ikkoordinat.

Tabella 3: Eżempji speċifiċi ta' interventi li juru r-riżultati

Prijorità ta' politika 1	Il-Ġermanja qed tappoġġja r-reżiljenza u l-għajxien tal-bdiewa b'azjendi agrikoli zġhar f'aktar minn 81 pajjiż. Permezz tal-Programm Globali taċ-Ċentri tal-Innovazzjoni Ekoloġika (parti mill-inizjattiva <i>One World – No Hunger (Dinja Waħda – Mingħajr Ġuħ)</i>) 600,000 bidwi b'azjendi agrikoli zġhar ġew imħarrġa (40 % nisa, 30 % zġhażaġh) u nkisbet żieda fil-produttività ta' 35 %. Fl-Etjopja, l-Awstrija għenet lil 348,513-il bidwi (li 23,6 % minnhom huma nisa) itejbu l-produttività agrikola tagħhom, u aktar minn 6,000 familja bbenefikaw minn miżuri ta' riabilitazzjoni f'baċiri tal-iskular u 52 minn kull 78 persuni mistħarrġa setgħu jakkumulaw il-flus li ffrankaw.
---------------------------------	--

Prijorità ta' politika 2	Bħala parti mill-Inizjattiva America Latina y Caribe sin Hambre, Spanja kienet sieħeb attiv permezz tal-promozzjoni ta' membri parlamentari kontra l-ġuħ bħala wieħed mill-atturi ewlenin tal-governanza tas-sigurtà alimentari u tan-nutrizzjoni.
---------------------------------	--

Prijorità ta' politika 3	L-Italja appoġġjat l-iżvilupp tal-komunitajiet kostali fiż-Żona tal-Mediterran, fejn irnexxielha tappoġġja 2,000 sajjied b'għotjiet kollettivi, lin-nisa b'60 għotja biex jibdwew joffru servizzi alimentari, it-taħriġ ta' 500 sajjied, il-ħolqien ta' tliet (3) assoċjazzjonijiet ta' sajjieda/bdiwja, u l-kostruzzjoni ta' port għal 100 dgħajsa tas-sajd.
Prijorità ta' politika 4	L-Irlanda kkontribwixxiet programm fl-Etjopja ta' xbieki ta' sikurezza produttivi li permezz tiegħu 10,200,000 ruħ irċevew assistenza tal-ikel b'reazzjoni għan-nixfa ta' El Nino fl-2016.
Prijorità ta' politika 5	Il-Belġju appoġġja l-ktajjen ta' valur tat-tiġieġ u l-ġirasol f'żewġ distretti fit-Tramuntana tat-Tanzanija fejn id-dħul tal-benefiċjarji żdied b' 24 % minkejja n-nixfiet fl-2009-2010. Il-konsum tal-bajd u t-tiġieġ żdied ukoll b'mod sinifikanti fil-familji li bbenefikaw, li qed ikollu effett pożittiv fuq il-valur nutrittiv tal-ikel għall-membri kollha tal-familja, speċjalment it-tfal.
Prijorità ta' politika 6	Franza appoġġjat il-proġett ta' reżiljenza fix-Xlokk tas-Senegal, li wera li ż-żidiet fil-produzzjoni tal-ikel u l-assistenza alimentari fissru li issa 61 % tal-parteċipanti tal-programm għandhom punteġġ aċċettabbli ta' konsum ta' ikel fuq il-bażi tal-kategorizzazzjoni tad-WFP, meta mqabbla ma' 36 % għal dawk mhux parteċipanti. Ir-Renju Unit, flimkien mal-Kummissjoni u oħrajn, għen biex tiġi żviluppata b'suċċess il-Klassifikazzjoni tal-IPC tal-Insigurtà Kronika tal-Ikel, biex jiġi appoġġjat teħid ta' deċiżjonijiet dwar is-sigurtà alimentari ibbażat fuq l-evidenza.

Koordinazzjoni, Komplementarjetà u Koerenza

Il-konsensus Ewropew il-ġdid dwar l-Iżvilupp iqiegħed il-Programmar Konġunt (PK) fiċ-ċentru tal-isforzi tal-UE biex tiġi implimentata l-Aġenda 2030 u jiġu appoġġjati għall-pjanijiet ta' żvilupp tal-pajjiżi sħab billi jittejbu l-koordinazzjoni u l-koerenza tal-assistenza għall-iżvilupp mill-UE u l-Istati Membri. Il-PK għamel progress sinifikanti, b'45 pajjiż jagħmlu passi konkreti lejn il-proċess tal-PK u 17 oħra jieħdu l-ewwel passi fl-impenn fil-PK. Minn 10 Dokumenti tal-PK fi tmiem l-2014, l-għadd ta' Dokumenti tal-PK żdied għal 26 fi Frar 2018. Fil-Laos u s-Senegal, il-PK wera l-evidenza tal-valur miżjud tiegħu għal diversi snin billi kiseb riżultati sinifikanti f'oqsma ewlenin bħas-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni.

Kaxxa tat-test 1: Il-Programmar Konġunt tal-UE fis-Senegal

Mill-2013 'l hawn, l-UE u l-Istati Membri tagħha kienu involuti fl-iprogrammar konġunt fis-Senegal. It-tieni dokument ta' programmar konġunt li jkopri l-perjodu 2018–2023 f'konformità mal-Pjan għal Senegal Emerġenti, ġie approvat reċentement. L-analiżi konġunta wriet li, minkejja xi kisbiet pożittivi fil-ġlieda kontra l-malnutrizzjoni f'dawn l-aħħar snin, il-kwistjoni tibqa' tqajjem inkwiet serju fil-pajjiż. Il-proċess ta' Programmar Konġunt jindirizza dawn l-isfidi billi jiffoka fuq l-interdipendenza bejn in-nutrizzjoni, is-sigurtà alimentari u l-agrikoltura, b'mod partikolari f'żoni rurali. L-UE, Franza, l-Italja u Spanja jaħdmu flimkien biex isostnu s-sigurtà alimentari u l-ġlieda kontra l-malnutrizzjoni.

Kaxxa tat-test 2: Il-Programmar Konġunt tal-UE fil-Laos

Il-Programmar Konġunt fil-Laos tnieda fl-2012 u wassal għal Strateġija Konġunta ta' Tranżizzjoni għall-2014–2015. Wara din l-ewwel fażi, l-UE u seba' Stati Membri flimkien mal-Iżvizzera approvaw il-Pjan Ewropew għal Programmar Konġunt għar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Laos 2016–2020. In-nutrizzjoni hija waħda mis-seba' setturi ta' prijorità, li fihom qed taħdem l-UE b'mod konġunt, prinċipalment ma' Franza, il-Ġermanja u l-Iżvizzera. L-iprogrammar konġunt f'Laos huwa eżempju eċċellenti ta' kif l-UE+ tappoġġja l-politika ta' nutrizzjoni tal-Laos u tiżgura s-sinifikat tan-nutrizzjoni f'setturi oħra. Bħala dimostrazzjoni ta' dan, l-UE u Franza qegħdin jappoġġjaw flimkien interventi ta' prijorità rigward il-ktajjen tal-valur sensitivi għan-nutrizzjoni u s-servizzi ta' konsulenza rurali, filwaqt li l-UE u l-Ġermanja qegħdin jappoġġjaw flimkien l-investimenti fl-infrastruttura tal-ilma tax-xorb nadif.

4. RAPPORTAR TAR-RIŻULTATI

Hemm għadd kbir ta' riżultati li jiġu rrapportati mill-UE u l-Istati Membri tagħha li juru l-impatt fuq il-post. Fit-Tabella 4 qed tiġi ppreżentata għażla minn dawn. In-Netherlands, ir-Renju Unit u l-Kummissjoni jkomplu jipprovdu *data* aggregata mill-programmi kollha tagħhom u jippreżentaw numru ta' riżultati korporattivi. Filwaqt li għaddejjin sforzi sabiex jippruvaw jissimplifikaw il-metodoloġiji biex ikejlu u jirrapportaw l-impatt f'livell aggregat, għad baqa' numru ta' sfidi. Ir-riżultati ppreżentati hawn taħt m'għandhomx jitqiesu bħala kompleti u lanqas komparattivi iżda minflok għandhom jittieħdu bħala ritratt ta' metodoloġiji differenti, li jkopru perjodi ta' żmien differenti u skont kriterji differenti. Il-ħidma li għaddejja fuq l-indikaturi komuni u l-applikazzjoni ta' metodoloġiji effiċjenti fil-kuntest ta' rappurtar SDG se tkompli ssaħħaħ dan il-proċess.

Tabella 4: L-impatt fuq il-post

In-Netherlands (2017)	Ir-Renju Unit	Il-Kummissjoni (2013–2017)
<p>33,700,000 persuna malnutrita rċevew għajjuna, li minnhom madwar 15,500,000 wrew biċ-ċar li bbenefikaw mill-forma ta' konsumimtejjeb tal-ikel;</p> <p>7,370,000 azjenda agrikola żgħira tal-familja irċevew appoġġ, li minnhom 1,950,000 ibbenefikaw biċ-ċar fil-forma ta' żieda fil-produttività u/jew introjtu u 1,590,000 kisbu aċċess aħjar għas-swieq;</p> <p>1,360,000 ettaru ta' art agrikola kienu mtejba, li minnhom 366,890 b'aktar Prattiki ekoefiċjenti u 179,360 ettaru saru aktar reżiljenti għall-istressijiet u x-xokkijiet;</p> <p>1,220,000 bidwi kisbu pussess sigur tal-art.</p>	<p>Fl-2015-2017, 26,300,000 tifel u tifla taħt il-ħames snin u n-nisa tqal kienu appoġġjati permezz ta' programmi li għandhom x'jaqsmu man-nutrizzjoni (li minnhom 15,200,000 kienu nisa jew bniet);</p> <p>Fl-2016–17, ir-Renju Unit appoġġja proġetti ta' investiment fin-negożju agrikolu li minnhom ibbenefikaw aktar minn 2 miljun bidwi f'pajjiżi li qed jiżviluppaw;</p> <p>Mill-2011-2015, 8,900,000 ruħ (inklużi 4,600,000 mara) rċevew appoġġ minn programmi ta' trasferiment ta' flus;</p> <p>Mill-2011-2015, 3,700,000 ruħ (inkluż 1,900,000 mara) ipprovdew sigurtà alimentari;</p> <p>Mill-2011-2015, 6,100,000 ruħ għenu (inkluż 3,000,000 mara) biex jittejbu d-drittijiet tagħhom tal-art u tal-proprjeta'.</p>	<p>11,976,000 mara ta' età riproduttiva u t-tfal taħt il-ħames snin ibbenefikaw minn programmi marbuta man-nutrizzjoni;</p> <p>14,159,000 ruħ bi problemi ta' sigurtà alimentari rċevew għajjuna permezz ta' trasferimenti soċjali.</p> <p>3,675,000 ettaru fejn ġew introdotti Prattiki sostenibbli ta' ġestjoni tal-art;</p> <p>3,841,000 ruħ irċevew servizzi ta' konsulenza rurali biex jiżdied il-valur ta' dak li jipproduċu u jtejbu r-rabtiet bejn il-bdiewa u s-suq;</p> <p>815,000 ruħ li ġew appoġġjati biex jiggarrantixxu d-dominju tal-art b'appoġġ ta' għajxien sostenibbli.</p>

5. ENFASI TEMATIKA

Kif mitlub mill-Kunsill fl-2016, dan ir-rapport jipprovdi enfasi aktar profond fuq żewġ temi speċifiċi.

Approċċi reżiljenti għall-klima

L-agrikoltura hija wieħed mis-setturi l-iktar affettwati b'mod serju mit-tibdil fil-klima. L-UE u l-Istati Membri tagħha jippromwovu l-iżvilupp agrikolu li jaqdi diversi għanijiet ta' titjib tal-bażi tar-riżorsi naturali u l-ambjent, jindirizza t-tibdil fil-klima, kif ukoll iż-żieda fil-produttività tax-xoġhol u tal-art u t-tisħiħ tal-provvista tal-ikel. Dan għandu effett ta' benefiċċju għaż-żewġ naħat fil-ħolqien tal-introjtu u l-opportunitajiet ta' impjegi deċenti. Fl-2014, 38 % tal-appoġġ kollu għas-sigurtà alimentari u nutrizzjonali kkontribwixxew għall-adattament għat-tibdil fil-klima. Fl-2016, dan żdied għal 43 %.

L-UE u l-Istati Membri tagħha jissalvagwardjaw l-integrazzjoni tal-klima fil-programmi tagħhom ta' żvilupp agrikolu eżistenti u jipromwovu miżuri ta' adattament u mitigazzjoni speċifiċi f'dan is-settur.

Permezz tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, l-intensifikazzjoni agroekoloġika għall-biedja tal-familji, l-ippjanar sostenibbli ta' żoni rurali u l-ġestjoni tar-riskju, l-approċċi reżiljenti għat-tibdil fil-klima huma integrati fil-programmi. Il-pariri, l-informazzjoni, it-teknoloġiji adottati lokalment u l-infrastruttura ta' appoġġ huma pprovduti, filwaqt li l-pajjiżi sħab ikunu jistgħu jsiru aktar reżiljenti għall-istress u x-xokkijiet tal-klima. Flimkien, l-Istati Membri u l-UE qed jappoġġjaw ukoll b'mod qawwi r-riċerka u t-tagħlim dwar il-prattiki agrikoli reżiljenti għat-tibdil fil-klima, permezz tas-CGIAR u l-programmi l-oħra tar-riċerka. F'April tal-2018, huma appoġġjaw ukoll dibattitu waqt simpożju tal-FAO dwar ir-rwol tal-agroekoloġija fil-bini ta' sistema agroalimentari sostenibbli.

Dan jimxi id f'id mal-appoġġ għall-NDCs tal-pajjiżi sħab, u l-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika għall-UNFCCC. L-organizzazzjonijiet u l-fondi internazzjonali, bħal ma huma l-IFAD, il-Fond Ekoloġiku għall-Klima u l-Fond għall-Ambjent Dinji huma appoġġjati mill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jingħataw spinta l-mitigazzjoni u l-adattament fil-livelli kollha.

Kaxxa tat-test 3: Is-sostenn tar-riċerka u t-tagħlim dwar teknoloġiji agrikoli sensitivi għan-nutrizzjoni u reżiljenti għat-tibdil fil-klima

L-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jiffukaw fuq ir-rwol tal-bdiewa b'azjendi agrikoli ż-żgħar, b'mod partikolari n-nisa, fi ħdan sistemi sostenibbli tal-ikel, u jappoġġjaw ir-riċerka u t-tagħlim dwar teknoloġiji agrikoli sensitivi għan-nutrizzjoni u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u tekniki permezz taċ-ċentri tar-riċerka tas-CGIAR u permezz tal-Programmi ta' Riċerka. Qed isiru sforzi biex jiġu integrati t-tekniki lokali u biex wieħed jikkapitalizza fuq l-effetti tal-prattiki agroambientali u soċjoekonomiċi.

Kaxxa tat-test 4: Il-Proġett tal-Immaniġġjar tar-Riżorsi tal-Ilma tar-Raħal Rurali fin-Nepal

Il-proġett kien beda fl-2006, b'finanzjament konġunt mill-Finlandja u n-Nepal. Il-proġett issa jinsab fit-tielet fażi li se jibqa' għaddej sal-2022 u jimmira li jikseb titjib tal-benessri u t-tnaqqis tal-faqar fil-komunitajiet tal-irħula fi żvilupp permezz tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi lokali tal-ilma. Uħud mir-riżultati jinkludu: il-provvista domestika tal-ilma skont standards nazzjonali għal 144,000 benefiċjarju; sanità bażika, inklużi tojlits tad-djar għal 358,000 benefiċjarju; irrigazzjoni għal 28,000 benefiċjarju; dawl elettriku ġġenerat minn impjant tal-mikro-idroenerġija għal 41,000 benefiċjarju; fuklari tat-tisjir imtejba għal 67,000 benefiċjarju; u affarijiet bażiċi tal-ħajja permezz ta' ġestjoni tal-ġnien tad-dar għal 164,000 benefiċjarju.

Prattiki agrikoli sensitivi għan-nutrizzjoni

In-nuqqas ta' nutrizzjoni u l-malnutrizzjoni huma ostakli ewlenin għall-iżvilupp u piż għal tul il-ħajja kollha. Interventi agrikoli imfassla b'mod xieraq jista' jkollhom rwol ewlieni biex jipprovdu soluzzjonijiet sostenibbli għall-aċċess għall-ikel u dieta ta' kwalità. L-agrikoltura sensitiva għan-nutrizzjoni huwa approċċ li jimmira li jiżgura l-produzzjoni ta' varjetà ta' ikel affordabbli, nutrittiv, li jirrispetta l-kultura, sustanzjuż u sikur fi kwantità u kwalità adegwata biex jissodisfa l-bżonnijiet alimentari tal-popolazzjoni b'mod sostenibbli.

L-UE u l-Istati Membri tagħha nġhaqdu flimkien biex jadottaw fehim iktar komprensiv u approċċ multisettorjali. Huma qed jaħdmu flimkien fuq: it-tfassil ta' politiki u strateġiji agrikoli sensitivi għan-nutrizzjoni li jpoġġu lin-nisa fil-qalba f'pajjiżi b'livelli għoli ta' nuqqas ta' żvilupp; l-implimentazzjoni ta' politiki u strateġiji nazzjonali sensitivi għan-nutrizzjoni permezz tat-titjib tal-ħiliet u l-għarfien tagħhom; il-monitoraġġ ta' programmi, inkluż billi jinkorporaw l-indikaturi tad-diversità tad-dieta kif ukoll l-indikaturi tal-affordabbiltà; u evidenza aktar b'saħħitha għal approċċi kosteffettivi għar-redditi mill-investimenti tan-nutrizzjoni fis-settur agrikolu.

Eżempji ta' Prattiki agrikoli sensitivi għan-nutrizzjoni jinkludu l-promozzjoni ta' ktajjen tal-valur sensitivi għan-nutrizzjoni, approċċi innovattivi għall-fortifikazzjoni tal-ikel, diversifikazzjoni lokali rikka fin-nutrijenti, u komponenti mid-dar u l-ġnien ta' proġetti tal-iżvilupp rurali f'pajjiżi fejn qed jiġi adottat approċċ komprensiv biex jiġu żviluppati tekniki tal-għajxien fil-komunitajiet. Il-partijiet interessati nazzjonali u lokali huma mħeġġa biex jimpenjaw ruħhom u t-tmexxija tagħhom hija favur il-promozzjoni ta'

prattiki sostenibbli ta' produzzjoni bħall-agrikoltura organika, ġestjoni sostenibbli tal-mergħat u ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara. L-appoġġ għal agrikoltura sensitiva għan-nutrizzjoni hija pprovduta wkoll lis-CGIAR.

L-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġjaw il-ħidma tal-UNICEF fin-nutrizzjoni bbażata fil-komunità u tallinja ruħha mal-moviment Inżidu n-Nutrizzjoni. Fir-rigward tal-ispazju pubbliku-privat, l-appoġġ kontinwu lill-Alleanza Globali għal Nutrizzjoni Mtejba (GAIN) minn għadd ta' Stati Membri jiffoka fuq titjib f'riżultati marbutin man-nutrizzjoni għall-foqra fil-pajjiżi bi dħul baxx u medju permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq is-suq fis-sistema tal-ikel.

6. KONKLUŻJONIJIET ĠENERALI U RAKKOMANDEZZJONIJIET

Bir-rappurtar dwar l-aħħar żborżi b'valur ta' EUR 4,200 miljun fl-2016, kif ukoll dwar l-involviment ta' politika tagħhom, l-UE u l-Istati Membri tagħha wrew li l-kwistjonijiet ewlenin dwar is-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni huma konsistentement mqiegħda fuq l-aġendi globali u l-isforzi ġew amplifikati madwar diversi pajjiżi biex jitjiebu r-riżultati nutrizzjonali u jiġi stimolat għajxien aħjar fis-settur agrikolu. L-analiżi ppreżentata fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal meħmuż juri l-importanza ta':

- 1. Iż-żamma tas-sigurtà alimentari u nutrizzjonali fuq quddiem tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet sistemiċi fis-sistema alimentari globali u l-isfidi għall-iżvilupp li fihom is-settur tal-ikel u dak agrikolu għandhom rwol ewlieni.** Bħala attur globali, l-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jkomplu jagħtu sura lill-aġenda internazzjonali u jaħdmu mas-sħab kollha biex jindirizzaw l-isfidi attwali u futuri.
- 2. Ikomplu l-isforzi konġunti fil-bini ta' approċċ strateġiku għal kriżijiet alimentari umanitarji, filwaqt li titqies ir-rabta bejn l-iżvilupp u l-paċi, u tingħata spinta lin-Netwerk Globali kontra l-Kriżijiet Alimentari għal analiżi konġunta, allokazżjoni strateġika komuni tar-riżorsi u reazzjonijiet ikkoordinati.**
- 3. Issegwi l-ispinta lejn viżjoni komuni rigward in-nutrizzjoni u jinbena fehim kondiviż ta' agrikoltura sensitiva għan-nutrizzjoni fost l-UE u l-Istati Membri tagħha, li jgħin biex jiġu appoġġjati l-perkorsi potenzjali kollha fejn l-agrikoltura tħalli impatt fuq in-nutrizzjoni.**
- 4. Tizzied l-attenzjoni tal-UE u l-Istati Membri tagħha fuq ir-rwol kritiku tal-agrikoltura fit-tibdil fil-klima kif enfasizzat mill-UNFCCC u biex jintlaħqu l-SDGs.** L-appoġġ jista' jirriżulta minn ħidma li għaddejjja fuq l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, bħal pereżempju Koroniyia Joint Work on Agriculture u impenji rilevanti oħra biex jingħata appoġġ lill-pajjiżi li jaħdmu biex iwettqu l-NDCs tagħhom.
- 5. It-tisħiħ tal-appoġġ għan-nisa fl-indirizzar tas-sigurtà alimentari u tan-nutrizzjoni fil-livelli nazzjonali u lokali. It-tfassil aħjar tal-kontributi tan-nisa, jista' jiġbed aktar attenzjoni.** L-isforzi jistgħu jiffokaw ukoll fuq approċċi biex jilhq, jibbenefikaw u jagħtu s-saħħa lin-nisa u l-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu jwettqu rappurtar sistematiku dwar l-indikaturi rilevanti diżaggregati skont is-sess.
- 6. L-aċċellerazzjoni tal-ħidma fuq katina tar-riżultati u indikaturi komuni biex jiġi mmonitorjat il-progress u r-riżultati f'livell aggregat.** Ikun hemm mertu f'li wieħed juri kif l-UE tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri tal-SDG2. Hemm bżonn li l-għarfien u l-gwida dwar il-kejl tal-impatt ikunu adattati għall-użu minn kulħadd, inkluż is-settur privat.
- 7. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet nazzjonali u reġjonali tar-riċerka agrikola jwassal għall-innovazzjoni permezz ta' sħubijiet.** Dan l-isforz jista' jippromwovi innovazzjoni ta' żvilupp intelliġenti fl-agrikoltura b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp tal-kapaċità u s-sħubijiet,

bħal pereżempju Innovazzjoni ta' Żvilupp Intelliġenti permezz tar-riċerka fl-Agrikoltura (DeSIRA).

- 8. L-ankrar ulterjuri tal-impjeg taż-żgħażaġh fid-djalogu politiku u l-investment fil-ħolqien tal-impjegi u l-opportunitajiet ta' taħriġ u l-assigurar taż-żgħażaġh hija riflessa fil-politika u l-proġetti fl-istadji kollha.** L-isforzi li saru mill-Istati Membri tal-UE, kif ukoll permezz tal-Pjan tal-Investment Estern u l-Fond Fiduċjarju għall-Afrika, jenħtieġ li jitkompla u jiżdied, billi jintrabat mal-inizjattivi tal-G20 fejn rilevanti.
- 9. Jiġi promoss il-kummerċ agrikolu reġjonali billi jiġu appoġġjati l-isforzi eżistenti lejn approċċ ta' sistemi sostenibbli tal-ikel.** Dan jinkludi r-rabta tal-bdiewa mas-swieq, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet ta' komunitajiet lokali billi jiġu applikati l-prinċipji għal investment agrikolu responsabbli u biex jiġu implimentati l-Linji Gwida Volontarji dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti.
- 10. Ħidma konġunta mal-atturi leġittimi kollha tas-sistema globali tal-ikel fuq it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet u l-proċessi li jiggwidaw it-trasformazzjoni sostenibbli tas-sistemi alimentari permezz tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-koerenza, kif ukoll it-tisħiħ ta' azzjoni bbażata fuq l-evidenza.**